



KUNSILL EWROPEW

**Brussell, 30 ta' Novembru 2010 (02.12)
(OR. en)**

**EUCO 25/1/10
REV 1**

**CO EUR 18
CONCL 4**

NOTA TA' TIFSIR

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW
28-29 TA' OTTUBRU 2010**

KONKLUŻJONIJIET

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni riveduta tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (28-29 ta' Ottubru 2010).

Hemm bżonn ta' bidla mill-qiegħ fil-governanza ekonomika Ewropea sabiex jiġu indirizzati l-isfidi mikxufa mill-kriżi finanzjarja reċenti. Għal dak il-għan, il-Kunsill Ewropew approva r-rapport tat-Task Force dwar il-governanza ekonomika. L-implimentazzjoni tiegħu għandha tkun pass kbir 'il quddiem fit-tisħiħ tal-pilastru ekonomiku tal-UEM: ser iżżid id-dixxiplina fiskali, ser twessa' s-sorveljanza ekonomika u ser tappfondixxi l-koordinazzjoni. Ir-rapport jistabbilixxi wkoll il-prinċipji gwida b'risq qafas robust għall-ġestjoni tal-kriżijiet u għandu jwassal għal istituzzjonijiet aktar b'saħħithom. Il-Kunsill Ewropew qabel dwar it-triq 'il quddiem rigward is-segwitu għat-Task Force. B'segwitu għad-diskussjonijiet tiegħu tas-16 ta' Settembru 2010, il-Kunsill Ewropew skambja wkoll fehmiet bi tnejn għas-Summit tal-G20 f'Seoul u l-Konferenza ta' Cancun dwar it-tibdil fil-klima kif ukoll is-summits mal-Istati Uniti, ir-Russja, l-Ukraina, l-Indja u l-Afrika.

I. TASK FORCE DWAR IL-GOVERNANZA EKONOMIKA

1. Il-Kunsill Ewropew approva r-rapport tat-Task Force dwar il-governanza ekonomika. L-implimentazzjoni tiegħu għandha tippermettilna li nżidu d-dixxiplina fiskali, li nwessgħu s-sorveljanza ekonomika, li nappfondixxu l-koordinazzjoni u li nistabbilixxu qafas robust għall-ġestjoni tal-kriżijiet u għal istituzzjonijiet aktar b'saħħithom. Il-Kunsill Ewropew jappella biex ikun hemm approċċ rapidu dwar l-adozzjoni tal-leġislazzjoni sekondarja meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' ħafna mir-rakkomandazzjonijiet. L-għan huwa li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew jilhqqu ftehim sas-sajf 2011 dwar il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni, waqt li jinnutaw li r-rapport tat-Task Force ma jkoprix il-kwistjonijiet kollha indirizzati f'dawn il-proposti u viċi-versa. Dan għandu jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-arranġamenti ta' sorveljanza ġodda malajr kemm jista' jkun. Ir-riżultat għandu jkun tisħiħ sostanzjali tal-pilastru ekonomiku tal-UEM u żieda fil-fiduċja; b'hekk jingħata kontribut għat-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-kompetittività.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill iħaffef il-pass fuq kif jittieħed kont tal-impatt tar-riforma tal-pensjonijiet fl-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u jirrapporta lura lill-Kunsill Ewropew f'Diċembru. Waqt li tingħaraf l-importanza tar-riformi sistemiċi tal-pensjonijiet, għandhom ikunu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti fi ħdan il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

2. B'segwitu għar-rapport tat-Task Force, u sabiex ikun żgurat tkabbir ekwilibrat u sostenibbli, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern jaqblu dwar il-ħtieġa li l-Istati Membri jstabbilixxu mekkaniżmu permanenti għall-kriżijiet sabiex tkun issalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi u jstiednu lill-President tal-Kunsill Ewropew biex jidħol f'konsultazzjoni mal-membri tal-Kunsill Ewropew dwar bidla limitata fit-trattat li hija meħtieġa għal dan, u li ma timmodifikax l-Artikolu 125 tat-TFUE (klausola li tipprojbixxi s-salvataġġ finanzjarju ("no bail-out" clause)).

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twettaq, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kunsill Ewropew, ħidma preparatorja dwar il-karatteristiċi ġenerali ta' mekkaniżmu ġdid futur, inkluż ir-rwol tas-settur privat, ir-rwol tal-FMI u l-kondizzjonalità qawwija ferm li taħtu għandhom joperaw il-programmi.

Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru bil-ħsieb li jieħu d-deċiżjoni finali kemm dwar profil ta' mekkaniżmu għall-kriżijiet kif ukoll dwar emenda żgħira fit-trattat sabiex kwalunkwe bidla tkun tista' tiġi ratifikata sa mhux aktar tard minn nofs l-2013

Sussegwentement, il-President tal-Kunsill Ewropew biħsiebu jeżamina, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, il-kwistjoni tad-dritt tal-membri taż-żona tal-euro li jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet fi proċeduri relatati mal-UEM f'każ ta' theddida permanenti għall-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha.

3. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern saħqu li, fl-istess waqt li d-dixxiplina fiskali qiegħda tiġi rinforzata fl-Unjoni Ewropea, huwa essenzjali li l-baġit tal-Unjoni Ewropea u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li ġej ikunu jirriflettu l-isforzi ta' konsolidazzjoni li qegħdin isiru mill-Istati Membri biex l-iżbilanċ u d-dejn ikunu aktar sostenibbli. Waqt li jirrispetta r-rwol tal-istituzzjonijiet differenti u l-ħtieġa li jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ewropa, fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti dwar kif jista' jiġi żgurat li l-infiq fil-livell Ewropew ikun jista' jagħti kontribut adatt għal din il-ħidma.

II. SUMMIT TAL-G20 F'SEOUL

4. L-ekonomija dinjija qed tirkupra mill-kriżi. Madankollu, fadal numru ta' kwistjonijiet li jeħtieġu attenzjoni sostnuta fil-livell globali, inklużi r-riskji għas-sostenibbiltà finanzjarja, ir-riabilitazzjoni mhux kompluta tas-settur finanzjarju, livell ta' qgħad għoli, il-volatilità tal-prezzijiet tal-prodotti bażiċi fuq skala globali u l-iskwilibriji makroekonomiċi globali li qegħdin jerġgħu jitfaċċaw. Il-Kunsill Ewropew ikkonferma l-orjentazzjonijiet maqbula mill-Kunsill u ddiskuta l-prijoritajiet li r-rappreżentanti tal-UE u l-Istati Membri tal-UE li huma membri tal-G20 ser jippromwovu fis-summit ta' Seoul. Is-summit għandu jagħti sinjal ambizzjuż rigward l-implimentazzjoni konkreta u f'waqtha tal-miżuri miftiehma fil-Qafas għal Tkabbir b'Saħħtu, Sostenibbli u Bbilanċjat, b'mod partikolari rigward il-pjanijiet għall-konsolidazzjoni fiskali, ir-riforma tar-regolamentazzjoni finanzjarja, il-koeżjoni soċjali, il-ħolqien tal-impjiegi u l-ħtieġa għal aktar riformi strutturali. Il-kwistjoni tar-riekwilibriju tat-tkabbir dinji wkoll teħtieġ attenzjoni partikolari. L-Unjoni Ewropea tistenna b'interess il-konferma mis-Summit tal-G20 tal-ftehim ta' Basel, li huwa pass importanti fit-tiħiħ tal-istabbiltà finanzjarja dinjija. L-Unjoni Ewropea tenfasizza l-ħtieġa li s-swieq ikomplu jinżammu miftuħa, biex tingħata spinta lin-negozjati ta' Doha u tiġi adottata aġenda għall-iżvilupp b'orjentazzjoni lejn it-tkabbir. Hija tissottolinja l-bżonn li tiġi evitata kull forma ta' protezzjoniżmu u jiġi evitat l-involviment f'movimenti marbuta mar-rati tal-kambju bl-għan li jinkisbu vantaġġi kompetittivi fuq perijodu qasir.

5. Il-ftehim milħuq fil-Laqgħa Ministerjali tal-G20 fit-23 ta' Ottubru 2010 dwar ir-riforma tal-Fond Monetarju Internazzjonali ser jgħin biex ikun hemm FMI aktar effettiv, kredibbli u leġittimu u li jippermetti lill-FMI jkollu r-rwol tiegħu fl-appoġġ għall-funzjonament tas-sistema monetarja u finanzjarja internazzjonali. Ir-riformi tal-kwoti kif ukoll riformi aktar ġenerali fil-qasam tal-governanza għandhom jitwettqu flimkien bħala pakkett uniku u komprensiv u fl-istess perijodu ta' żmien.

6. Hija meħtieġa aktar ħidma dwar l-imposti u t-taxxi fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji, kemm fuq livell internazzjonali kif ukoll dak intern. F'konformità mar-rapport tal-Kunsill, għandu jkun hemm aktar koordinazzjoni bejn l-iskemi differenti tal-imposti fis-seħħ sabiex jiġi evitat ħlas doppju. Il-Kunsill huwa mistieden jirrapporta lura lill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2010. Għandhom jiġu eżaminati wkoll l-għażliet differenti rigward it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju, kif ukoll il-prattiki tajbin bl-għan li jiġu evitati r-rifuġji fiskali u l-evażjoni tat-taxxa.

III. KONFERENZA TA' CANCÚN DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA

7. Il-ħtieġa ta' progress biex tiġi indirizzata l-problema tat-tibdil fil-klima qed issir dejjem aktar urġenti. Għaldaqstant, huwa importanti li l-Konferenza ta' Cancún tagħmel pass sinifikanti intermedju, waqt li tibni fuq il-Protokoll ta' Kjoto u tħejji t-triq lejn qafas globali u komprensiv legalment vinkolanti, li jintegra l-gwida politika mogħtija fil-Qbil ta' Kopenhagen. Huwa kruċjali li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jibqgħu jkollhom rwol kostruttiv u li jagħtu messaġġ wieħed. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2010 dwar it-tnejn għall-Konferenza ta' Cancún u jikkonferma r-rieda tal-Unjoni Ewropea li tqis perijodu ieħor ta' impenn taħt il-Protokoll ta' Kjoto dment li l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-konklużjonijiet jiġu sodisfatti. L-Unjoni Ewropea ser tippreżenta rapport komprensiv u trasparenti dwar l-implimentazzjoni tal-impenn tagħha dwar finanzjament rapidu f'Cancún u kull sena wara dan, u ser tissottolinja l-importanza li tiżied aktar it-trasparenza fil-finanzjament tal-għieda kontra t-tibdil fil-klima. L-Unjoni Ewropea ser terġa' tivvaluta s-sitwazzjoni wara l-Konferenza ta' Cancún, inkluż l-eżami tal-għażliet għal progress lil hinn mit-tnaqqis ta' 20% tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra sabiex tkun lesta tirreaġixxi għan-negozjati internazzjonali li għaddejjin dwar il-klima; il-Kunsill huwa mistieden jirrapporta lura dwar din il-kwistjoni sar-rebbiegħa tal-2011. B'mod parallel mal-ħidma għal ftehim internazzjonali, l-UE ser tiżviluppa wkoll approċċ aktar diversifikat għall-involviment mal-imsieħba ewlenin f'oqsma ta' interess reċiproku li jgħinuhom inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom. F'dan il-kuntest, l-UE tinkoraġġixxi inizzjattivi reġjonali biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima u jiġi promoss it-tkabbir ekoloġiku bħall-Inizzjattiva Mediterranja reċenti dwar it-Tibdil fil-Klima.

IV. SUMMITS MA' PAJJIŻI TERZI

8. F'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Settembru 2010, il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-messaġġi politiċi ewlenin li l-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kummissjoni ser jippromwovu fis-summits li ġejjin mal-Istati Uniti, ir-Russja, l-Ukraina, l-Indja u l-Afrika.

◦
◦ ◦

Fil-margħini tal-Kunsill Ewropew sar Summit Soċjali, li ffoka fuq il-governanza ekonomika b'segwitu għar-rapport finali tat-Task Force, fid-dawl tal-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill (EPSCO) fil-21 ta' Ottubru 2010.
